**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B **ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL 1999/92/KE**

**tas-16 ta' Diċembru 1999**

**dwar il-ħtiġiet minimi għat-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema potenzjalment fir-riskju mill-atmosferi splussivi (il-15-il Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**

(ĠU L 23, 28.1.2000, p. 57)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 | L 165 | 21 | 27.6.2007 |

▼B

# ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL 1999/92/KE

## tas-16 ta' Diċembru 1999

## dwar il-ħtiġiet minimi għat-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema potenzjalment fir-riskju mill-atmosferi splussivi (il-15-il Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 137 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummisjoni ([1]), sottomessa wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Protezzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol u l-Kummisjoni dwar is-Sigurtà u s-Saħħa għall-Industriji tat-Tħaffir u l-Industriji Estrattivi l-Oħra,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat tal-Konċiljazzjoni fil-21 ta' Ottubru 1999 ([3])

Billi:

(1) L-Artikolu 137 tat-Trattat jipprovdi illi l-Kunsill jista' jadotta, permezz ta' Direttivi, il-ħtiġiet minimi sabiex jinkoraġġixxi t-titjib, speċjalment fl-ambjent tax-xogħol, li jiggarantixxu livell aħjar ta' protezzjoni rigward is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;

(2) Skond it-termini ta' dan l-Artikolu, dawn id-Direttivi għandhom jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjari u legali hekk li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju;

(3) It-titjib tas-sigurtà, l-iġjene u s-saħħa fix-xogħol huwa mira li ma għandhiex tkun subordinata għal konsiderazzjonijiet purament ekonomiċi;

(4) Il-konformità mal-ħtiġiet minimi għat-titjib tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema potenzjalment fir-riskju minn atmosferi splussivi hija essenzjali jekk trid tiġi żgurata l-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema;

(5) Din id-Direttiva hija Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ([4]); għalhekk, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva msemmija, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mat-tagħrif għall-ħaddiema, mal-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u mat-taħriġ tal-

([1]) ĠU C 332, tad-9.12.1995, p. 10 u ĠU C 184, tas-17.6.1997, p. 1.

([2]) ĠU C 153, tat-28.5.1996, p. 35.

([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Ġunju 1996 (ĠU C 198, tat-8.7.1996, p. 160) ikkonfermata fl-4 ta' Mejju 1999 (ĠU C 279, ta' l-1.10.1999, p 55), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 (ĠU C 55, tal-25.2.1999, p. 45), Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Mejju 1999 (ĠU C 279, ta' l-1.10.1999, p. 386). Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Diċembru 1999 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 1999.),

([4]) ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

▼B

ħaddiema, japplikaw ukoll bis-sħiħ fil-każijiet li fihom il-ħaddiema huma potenzjalment fir-riskju minn atmosferi splussivi, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet aktar restrittivi jew speċifiċi li jinsabu f'din id-Direttiva;

(6) Din id-Direttiva tikkostitwixxi pass prattiku lejn il-kisba tad-dimensjoni soċjali fis-suq intern;

(7) Id-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw it-tagħmir u s-sistema protettiva maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment splussivi ([1]) tiddikjara illi hija maħsuba sabiex tħejji f'Direttiva addizzjonali msejsa fuq l-Artikolu 137 tat-Trattat li jkopri, b'mod partikolari, il-perikoli ta' l-isplużjonjiet mnissla minn użu mogħti u/jew tipi u metodi ta' installazzjoni tat-tagħmir;

(8) Il-protezzjoni mill-isplużjonjiet hija ta' importanza partikolari għas-sigurtà; billi l-isplużjonijiet jipperikolaw il-ħajja u s-saħħa tal-ħaddiema minħabba l-effetti mhux kontrollati tal-fjammi u tal-pressjoni, il-preżenza ta' prodotti ta' reazzjoni ta' ħsara u l-konsum ta' l-ossiġnu fl-arja ta' madwar li l-ħaddiema jkollhom jieħdu n-nifs tiegħu;

(9) Sabiex tiġi stabbilita strateġija koerenti għall-prevenzjoni ta' l-isplużjonijiet jeħtieġ illi l-miżuri dwar l-organizzazzjoni tagħha jikkomplimentaw il-miżuri tekniċi meħuda fuq il-post tax-xogħol; id-Direttiva 89/391/KEE teħtieġ illi min iħaddem ikollu stima tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol; din il-ħtieġa għandha titqies bħala speċifikata b'din id-Direttiva billi tipprovdi li min iħaddem għandu jfassal dokument ta' protezzjoni mill-isplużjonijiet jew sett ta' dokumenti li jissodisfaw il-ħtiġiet minimi stabbiliti b'din id-Direttiva u li għandhom jinżammu aġġornati; id-dokument ta' protezzjoni kontra l-isplużjonijiet jinkludi l-identifikazzjoni tar-riskji, l-istima tar-riskji u d-definizzjoni tal-miżuri speċifiċi li jridu jittieħdu għas-salvagward tal-ħajja u s-sigurtà tal-ħaddiema fir-riskju minn atmosferi splussivi, skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva 89/391/KEE; id-dokument ta' protezzjoni kontra l-isplużjonijiet jista' jkun parti mill-istima tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol meħtieġa mill-Artikolu 9 tad-Direttiva 89/391/KEE;

(10) Stima dwar ir-riskji ta' l-isplużjonijiet tista' tkun meħtieġa skond atti Komunitarji oħra; billi, sabiex tiġi evitata t-tennija mhux meħtieġa tax-xogħol, min iħaddem għandu jiġi konċess, skond il-prattika nazzjonali, li jgħaqqad flimkien id-dokumenti, il-partijiet mid-dokumenti jew ir-rapporti ekwivalenti prodotti skond l-atti Komunitarji sabiex jifformaw "rapport ta' sigurtà" singolu;

(11) Il-prevenzjoni tal-formazzjoni ta' atmosferi splussivi tinkludi wkoll l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sostituzzjoni;

(12) Għandha ssir koordinazzjoni meta l-ħaddiema minn numru ta' impriżi jkunu preżenti fuq l-istess post tax-xogħol;

(13) Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom ikunu supplimentati jekk huwa meħtieġ b'miżuri miżjuda li jsiru effettivi meta jiġri nar; is-sigurtà massima tista' tintlaħaq billi l-miżuri ta' prevenzjoni jingħaqdu ma' miżuri oħra addizzjonali li jillimitaw l-effett ta' l-isplużjonijiet fuq il-ħaddiema;

(14) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/58/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġiet minimi għall-provvediment tas-sigurtà u/jew is-saħħa fuq ix-xogħol (id-disa' Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ([2]) tapplika bis-sħiħ, b'mod partikolari għall-postijiet li jmissu mill-qrib ħafna maż-żoni ta' perikolu, fejn jista' jkun hemm interazzjoni tat-tipjip, il-qtugħ

([1]) ĠU L 100, tad-19.4.1994, p. 1.
([2]) ĠU L 245, tas-26.8.1992, p. 23.

▼B

travers, l-iwweldjar u attivitajiet oħra li jintroduċu fjammi jew xrar li jistgħu jiġu f'kuntatt maż-żona tal-perikolu;

(15) Id-Direttiva 94/9/KE tqassam it-tagħmir u s-sistema protettiva li tkopri fi gruppi u kategoriji tat-tagħmir; din id-Direttiva tipprovdi klassifika minn min iħaddem tal-postijiet fejn jisgħu jinħolqu atmosferi splussivi f'termini ta' zoni u tistabbilixxi liema gruppi tas-sistemi protettivi u tat-tagħmir għandhom jintużaw f'kull waħda miż-żoni,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## IT-TAQSIMA I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*L-Artikolu 1*

### L-għan u l-kamp

1. Din id-Direttiva, li hi l-15-il Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE, tistabbilixxi l-ħtiġiet minimi għas-salvagward u s-saħħa tal-ħaddiema potenzjalment fir-riskju minn atmosferi splussivi kif definiti fl-Artikolu 2.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika:

(a) għal żoni użati direttament minn pazjenti u waqt il-kura medika tagħhom;

(b) l-użu tat-tagħmir li jaħraq karburanti tal-gass skond id-Direttiva 90/396/KEE ([1]);

(ċ) il-manifattura, it-tqandil, l-użu, il-ħażna u t-trasport ta' l-isplussivi jew is-sustanzi kimikament instabbli;

(d) l-industriji għall-estrazzjoni ta' minerali koperti bid-Direttiva 92/91/KEE ([2]) jew bid-Direttiva 92/104/KEE ([3]);

(e) l-użu ta' mezzi ta' trasport bl-art, bil-baħar u bl-ajru, li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet pertinenti tal-ftehim internazzjonali (eż. l-ADNR, l-ADR, l-ICAO, l-IMO, ir-RID), u d-Direttivi Komunitarji li jagħtu effett lil dan il-ftehim. Ma għandhomx jiġu esklużi l-mezzi tat-trasport maħsuba sabiex jintużaw f'atmosfera potenzjalment splussiva.

3. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/391/KEE u d-Direttivi relevanti individwali japplikaw bis-sħiħ fid-dominju li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar restrittivi u/jew speċifiċi li jinsabu f'din id-Direttiva.

*L-Artikolu 2*

### Definizzjoni

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, "atmosfera splussiva" tfisser taħlita ma' l-arja, taħt kondizzjonijiet atmosferiċi, ta' sostanzi li jieħdu n-nar malajr fil-għamla ta' gassijiet, fwar, ċpar jew trab li fihom, wara li jibda n-nar, il-kombustjoni tinfirex mat-taħlita kollha mhux maħruqa.

---

([1]) ĠU L 196, tas-26.7.1990, p. 15. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE (ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1).
([2]) ĠU L 348, tat-28.11.1992, p. 9.
([3]) ĠU L 404, tal-31.12.1992, p. 10.

▼B

IT-TAQSIMA II

## L-OBBLIGI TA' MIN IĦADDEM

*L-Artikolu 3*

### Il-prevenzjoni ta' l-isplużjonijiet u l-protezzjoni kontra tagħhom

Bil-ħsieb li jiġu prevenuti l-isplużjonijiet, fit-tifsira ta' l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 89/391/KEE, u li tiġi pprovduta l-protezzjoni kontra tagħhom, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri tekniċi u/jew ta' organizzazzjoni xierqa għan-natura ta' l-operazzjoni, fl-ordni tal-prijorità u skond il-prinċipji bażiċi li ġejjin:

— il-prevenzjoni tal-formazzjoni ta' atmosferi splussivi, jew fejn in-natura ta' l-attività ma' tippermettix dan,

— li jiġi evitat it-tqabbid ta' l-atmosferi splussivi, u

— it-taffija ta' l-effetti detrimentali ta' splużjoni sabiex jiġu żgurati s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

Dawn il-miżuri għandhom fejn meħtieġ jiġu kkombinati u/jew issupplimentati b'miżuri kontra t-tixrid ta' l-isplużjonijiet u għandhom jiġu riveduti regolarment u, f'kull każ, kull meta jiġru bidliet sinifikanti.

*L-Artikolu 4*

### L-istima tar-riskji ta' l-isplużjoni

1. Fit-twettiq ta' l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 6(3) u 9(1) tad-Direttiva 89/391/KEE min iħaddem għandu jagħmel stima tar-riskji speċifiċi li jinħolqu minn atmosferi splussivi, billi jitqiesu mill-inqas:

— il-probabbilità li jseħħu atmosferi splussivi u l-persistenza tagħhom,

— il-probabbilità li s-sorsi tal-qbid tan-nar, inklużi l-iskarigi elettrostatiċi, ikunu preżenti u jsiru attivi u effettivi,

— l-istallazzjonijiet, is-sustanzi użati, il-proċessi, u l-interazzjonijiet possibbli tagħhom,

— l-iskala ta' l-effetti antiċipati.

Ir-riskji ta' splużjoni għandhom jiġu stmati kollha.

2. Il-postijiet li huma jew jistgħu ikunu konnessi permezz ta' ftuħ għall-postijiet fejn jistgħu iseħħu atmosferi splussivi għandhom jitqiesu fl-istima tar-riskji ta' splużjoni.

*L-Artikolu 5*

### Obbligi ġenerali

Sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema, u skond il-prinċipji bażiċi ta' l-istima tar-riskji u dawk stabbiliti fl-Artikolu 3, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha meħieġa sabiex:

— fejn atmosferi splussivi jistgħu jinħolqu fi kwantitajiet li jipperikolaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema jew ta' oħrajn, l-ambjent tax-xogħol ikun hekk illi x-xogħol jista' jsir mingħajr perikolu,

— fl-ambjenti tax-xogħol fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi fi kwantitajiet hekk li jipperikolaw is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema, tiġi żgurata superviżjoni xierqa waqt il-preżenza tal-ħaddiema skond l-istima tar-riskju permezz ta' l-użu xieraq ta' mezzi tekniċi.

▼B

*L-Artikolu 6*

**Id-dmir tal-koordinazzjoni**

Fejn il-ħaddiema minn numru ta' impriżi jkunu preżenti fuq l-istess post tax-xogħol, kull min iħaddem għandu jkun responsabbli mill-materji kollha li jaqgħu taħt il-kontroll tiegħu.

Mingħajr preġudizzju għar-responsabbilità personali ta' kull min iħaddem li tipprovdi għaliha d-Direttiva 89/391/KEE, min iħaddem responsabbli mill-post tax-xogħol skond il-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali għandu jikkoordina l-implimentazzjoni tal-miżuri li jirrigwardaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u għandu jiddikjara, fid-dokument tal-protezzjoni kontra l-isplużjonjiet riferit fl-Artikolu 8, il-mira ta' din il-koordinazzjoni u l-miżuri u l-proċeduri sabiex jimplimentawha.

*L-Artikolu 7*

**Il-postijiet fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi**

1. Min iħaddem għandu jikklassifika f'żoni l-postijiet fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi skond l-Anness 1.

2. Min iħaddem għandu jaċċerta illi jiġu applikati l-ħtiġiet minimi stabbiliti fl-Anness II għall-postijiet koperti bil-paragrafu 1.

3. Fejn meħtieġ, il-postijiet fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi fil-kwantitajiet li jistgħu jipperikolaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandhom jiġu mmarkati b'sinjali fil-postijiet tagħhom tad-dħul skond l-Anness III.

*L-Artikolu 8*

**Id-dokument tal-protezzjoni mill-isplużjonijet**

Fit-twettiq ta' l-obligi stabbiliti fl-Artikolu 4, min iħaddem għandu jiżgura illi jitfassal u jinżamm aġġornat dokument, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "id-dokument tal-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet".

Id-dokument tal-protezzjoni kontra l-isplużjonjiet għandu juri b'mod partikolari:

— illi r-riskji ta' splużjoni ġew stabbiliti u stmati,

— illi jridu jittieħdu l-miżuri adegwati sabiex jinkisbu l-miri ta' din id-Direttiva,

— dawk il-postijiet li ġew ikklassifikati f'żoni skond l-Anness I,

— dawk il-postijiet fejn iridu japplikaw il-ħtiġiet minimi stabbiliti fl-Anness II,

— illi l-post tax-xogħol u t-tagħmir tax-xogħol, inklużi l-mezzi tat-twissija, huma mfassla, mħaddma u mantenuti b'rigward xieraq għas-sigurtà,

— illi skond id-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE ([1]), saru l-arranġamenti għall-użu fis-sigurtà tat-tagħmir tax-xogħol.

Id-dokument tal-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet għandu jiġi mfassal qabel il-bidu tax-xogħol u għandu jiġi rivedut meta l-post tax-xogħol, it-tagħmir tax-xogħol jew l-organizzazzjoni tax-xogħol jgħaddu minn bidliet sinifikanti, minn estensjonijiet jew minn konverżjonijiet.

([1]) ĠU L 393, tat-30.12.1989, p. 13. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 95/63/KE (ĠU L 335, tat-30.12. 1995, p. 28).

▼B

Min iħaddem jista' jikkombina l-istimi tar-riskju ta' splużjoni, id-dokumenti jew ir-rapporti ekwivalenti l-oħra eżistenti mfassla skond atti oħra Komunitarji.

*L-Artikolu 9*

**Ħtiġiet speċjali għat-tagħmir tax-xogħol u għall-postijiet tax-xogħol**

1. It-tagħmir tax-xogħol għall-użu f'postijiet fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi li jkun diġà qiegħed jintuża jew ikun disponibbli fl-impriża jew fl-istabbiliment għal-ewwel darba qabel it-30 ta' Ġunju 2003 għandu jikkonforma minn din id-data mal-ħtiġiet minimi stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness II, jekk ma tkunx tista' tiġi applikata l-l-ebda Direttiva Komunitarja jew tista' tiġi applikata biss f'parti minnha.

2. It-tagħmir tax-xogħol sabiex jintuża fil-postjiet fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi li jsir disponibbli fl-impriża jew fl-istabbiliment għall-ewwel darba wara t-30 ta' Ġunju 2003 għandu jikkonforma mal-ħtiġiet minimi stabbiliti fil-Partijiet A u B fl-Anness II.

3. Il-postijiet tax-xogħol fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi u li jiġu użati għall-ewwel darba wara t-30 ta' Ġunju 2003 għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet minimi stabbiliti f'din id-Direttiva.

4. Fejn il-postijiet tax-xogħol li fihom ikun hemm postijiet fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi jkunu diġà fl-użu qabel it-30 ta' Ġunju 2003, dawn għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet minimi stabbiliti f'din id-Direttiva mhux aktar tard minn tliet snin wara din id-data.

5. Jekk, wara t-30 ta' Ġunju, xi modifika, estensjoni jew ristrutturazzjoni issir fuq il-postijiet tax-xogħol li jkun fihom postijiet fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi, min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżgura illi dawn jikkonformaw mal-ħtiġiet minimi stabbiliti f'din id-Direttiva.

IT-TAQSIMA III

**DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI**

*L-Artikolu 10*

**L-aġġustamenti għall-annessi**

Aġġustamenti purament tekniċi għall-annessi magħmula meħtieġa:

— mill-adozzjoni tad-Direttivi dwar l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tekniċi fil-qasam tal-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet, u/jew

— mill-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew l-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali, u s-sejbiet ġodda dwar il-prevenzjoni ta' l-isplużjonijiet u l-protezzjoni kontra tagħhom,

għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 89/391/KEE.

*L-Artikolu 11*

**Il-gwida ta' prattika tajba**

Il-Kummisjoni għandha tfassal linji-gwida prattiċi fi gwida ta' prattika tajba ta' natura li ma torbotx. Din il-gwida għandha tindirizza s-suġġetti riferiti fl-Artikoli 3, 4, 5, 6,7 u 8, fl-Anness I u fil-Parti A ta' l-Anness II.

▼B

Il-Kommissjoni għandha l-ewwel tikkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Protezzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/325/ ([1]).

Fil-kuntest ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iqisu bl-akbar konsiderazzjoni possibbli l-gwida imsemmija hawn fuq fit-tfassil tal-politiki nazzjonali tagħhom għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

*L-Artikolu 12*

**It-tagħrif lill-impriżi**

L-Istati Membri għandhom, fuq talba, jagħmlu l-ħila tagħhom sabiex jagħmlu rilevanti t-tagħrif disponibbli lil min iħaddem skond l-Artikolu 11, b'referenza partikolari għall-gwida ta' prattika tajba.

*L-Artikolu 13*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2003. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet fil-liġijiet domestiċi tagħhom li jkunu digà adottaw jew li jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

▼M1

———

▼B

*L-Artikolu 14*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 15*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*L-ANNESS I*

## IL-KLASSIFIKA TAL-POSTIJIET FEJN JISTGĦU JINĦOLQU ATMOSFERI SPLUSSIVI

**Nota preliminari**

Is-sistema tal-klassifika li ġejja trid tiġi applikata għall-postijiet fejn jittieħdu l-prekawzjonijiet skond l-Artikoli 3, 4, 7 u 8.

1. **Il-postijiet fejn jistgħu jinħolqu l-atmosferi splussivi**

   Post fejn l-atmosfera splussiva tista' tinħoloq fil-kwantitajiet li jeħtieġu prekawzjonijiet speċjali sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema interessati jitqies li jkun ta' perikolu fit-tifsira ta' din id-Direttiva.

   Post li fih ma jkunx mistenni li tinħoloq atmosfera splussiva fil-kwantitajiet li jeħtieġu prekawzjonijiet speċjali huwa meqjus li hu mingħajr perikolu fit-tifsira ta' din id-Direttiva.

   Sustanzi li jieħdu n-nar malajr u/jew li jaqbdu jitqiesu bħala materjali li jistgħu joħolqu atmosfera splussiva għajr jekk investigazzjoni tal-proprjetajiet tagħhom turi illi fit-taħlit ma' l-arja ma humiex kapaċi li jxerrdu splużjoni indipendentement.

2. **Il-klassifika tal-postijiet ta' perikolu**

   Il-postjiet ta' perikolu huma kklassifikati f'termini ta' żoni fuq il-bażi tal-frekwenza u tad-dewmien ta' l-okkorrenza ta' l-atmosfera splussiva.

   Safejn u sakemm il-miżuri jridu jitqiesu skond il-Parti II ta' l-Anness II jiġu stabbiliti skond din il-klassifika.

   *Iż-Żona 0*

   Post li fih l-atmosfera splussiva li tikkonsisti minn taħlita ma' l-arja ta' sustanzi li jieħdu n-nar malajr fil-għamla ta' gass, fwar jew ċpar tkun preżenti kontinwament jew għal perjodi taż-żmien twal u ta' sikwiet.

   *Iż-Żona 1*

   Post li fih l-atmosfera splussiva li tikkonsisti minn taħlita ma' l-arja ta' sostanzi li jieħdu n-nar malajr fil-għamla ta' gass, fwar jew ċpar x'aktarx tiġri f'operazzjoni normali.

   *Iż-Żona 2*

   Post li fih l-atmosfera splussiva li tikkonsisti minn taħlita ma' l-arja ta' sostanzi li jieħdu n-nar malajr fil-għamla ta' gass, fwar jew ċpar x'aktarx ma' tiġrix waqt l-operazzjoni normali imma, jekk issir, tippersisti biss għal-perjodu qasir taż-żmien.

   *Iż-Żona 20*

   Post li fih l-atmosfera splussiva fil-għamla ta' sħaba tat-trab fl-arja li tieħu n-nar tkun preżenti kontinwament, jew għal perjodi taż-żmien twal jew ta' spiss.

   *Iż-Żona 21*

   Post li fih atmosfera splussiva fil-għamla ta' sħaba tat-trab fl-arja li taqbad x'aktarx li tiġri ta' kultant waqt l-operazzjoni normali.

   *Iż-Żona 22*

   Post li fih l-atmosfera splussiva fil-għamla ta' sħaba tat-trab fl-arja li tieħu n-nar x'aktarx ma' tiġrix waqt l-operazzjoni normali imma, jekk issir, tippersisti biss għal perjodu qasir taż-żmien.

*Noti:*

1. Is-saffi, id-depożiti u l-gzuz ta' trab li jieħdu n-nar iridu jitqiesu l-istess bħal kull sors ieħor li jista' jifforma atmosfera splussiva.
2. "Operazzjoni normali" tfisser is-sitwazzjoni meta l-istallazzjonijiet jiġu użati fil-parametri tad-disinn tagħhom.

▼B

*L-ANNESS II*

A. IL-ĦTIĠIET MINIMI GĦAT-TITJIB TAL-PROTEZZJONI TAS-SIGURTÀ U S-SAĦĦA TAL-ĦADDIEMA POTENZJALMENT F'RISKJU MINN ATMOSFERI SPLUSSIVI

**Nota preliminari**

L-obbligi stabbiliti f'dan l-Anness japplikaw għal:

— postijiet ikklassifikati bħala ta' perikolu skond l-Anness I kull meta meħtieġa mill-karatteristiċi tal-postijiet tax-xogħol, mill-istazzjonijiet tax-xogħol, mit-tagħmir jew mis-sostanzi użati jew mill-perikolu kkawżat mill-attività li għandha x'taqsam mar-riskji minn atmosferi splussivi,

— tagħmir f'postijiet mhux ta' perikolu li jinħtieġ, jew li jgħin sabiex jiżgura, l-operazzjoni bla perikolu tat-tagħmir lokat fil-postijiet ta' perikolu.

1. **Miżuri ta' organizzazzjoni**

1.1. *It-taħriġ tal-ħaddiema*

Min iħaddem irid jipprovdi lill dawk li jaħdmu f'postijiet fejn jistgħu jinħolqu l-atmosferi splussivi bit-taħriġ suffiċjenti u xieraq rigward il-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet.

1.2. *L-istruzzjonijiet miktuba u l-permesi tax-xogħol*

Meta meħtieġa mid-dokument tal-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet

— ix-xogħol f'postijiet ta' perikolu jrid jitwettaq skond l-istruzzjonijet bil-miktub maħruġa minn min iħaddem,

— trid tiġi applikata sistema ta' permessi tax-xogħol sabiex jitwettqu l-attivitajiet ta' perikolu u l-attivitajiet li jista' jkollhom interazzjoni ma' xogħol ieħor hekk li jikkawżaw perikoli.

Il-permessi tax-xogħol iridu jinħarġu minn persuna b'responsabbilità għal din il-funzjoni qabel il-bidu tax-xogħol.

2. **Il-miżuri ta' protezzjoni kontra l-isplużjonijiet**

2.1. Kull ħarba u/jew rilaxx, sewwa jekk intenzjonali u sewwa jekk le, ta' gassijiet, fwar, ċpar jew trabijiet li jieħdu n-nar li jistgħu joħolqu l-perikoli ta' splużjonijiet iridu jinbidlulhom id-direzzjoni jew jitneħħew kif xieraq għal post mingħajr perikolu jew, jekk dan mhux prattikabbli, jiġi kontenut fis-sigurtà jew magħmul mingħajr perikolu b'metodu ieħor xieraq.

2.2. Jekk atmosfera splussiva jkun fiha numru ta' tipi ta' gassijiet, fwar, ċpar jew trab li jieħdu n-nar malajr u/jew jaqbdu, il-miżuri ta' protezzjoni għandhom ikunu xierqa għall-akbar riskju potenzjali.

2.3. Il-prevenzjoni tal-perikoli ta' meta jitqabbdu l-magni skond l-Artikolu 3 trid ukoll tqis l-iskarigi elettrostatiċi, fejn il-ħaddiema jew l-ambjent tax-xogħol jaġixxu bħala t-trasportaturi ta' l-iskarigi jew il-produtturi ta' l-iskarigi. Il-ħaddiema jridu jkunu pprovduti b'ilbies tax-xogħol xieraq li jkun jikkonsisti minn materjali li ma joħolqux skarigi elettrostatiċi li jistgħu iqabbdu atmosferi splussivi.

2.4. L-impjant, it-tagħmir, is-sistemi tal-protezzjoni u kull aġġeġġ ta' twaħħil assoċjat magħhom iridu jiddaħħlu fis-servizz biss jekk id-dokument tal-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet jindika illi dawn jistgħu jiġu użati mingħajr perikolu fl-atmosfera splussiva. Dan japplika wkoll għat-tagħmir tax-xogħol u l-aġġeġġi tat-twaħħil assoċjati miegħu li mhumiex meqjusa bħala tagħmir jew sistemi ta' protezzjoni fit-tifsira tad-Direttiva 94/9/KE jekk id-dħul fiżiku tagħhom ġewwa stallazzjoni jista' minnu nnifsu joħloq perikolu ta' qbid tan-nar. Iridu jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevjenu l-konfużjoni bejn l-aġġeġġi tat-twaħħil.

2.5. Iridu jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-post tax-xogħol, it-tagħmir tax-xogħol u kull aġġeġġ ta' twaħħil assoċjat magħmul disponibbli għall-ħaddiema kienu ddisinjati, mibnija, magħquda u mwaħħla, u huma mantenuti u operati, b'mod li jnaqqsu r-riskji ta' splużjoni u, jekk dan isir, sabiex jikkontrollaw it-tixrid tiegħu f'dan il-post tax-xogħol u/jew dan it-tagħmir tax-xogħol. Għal dawn il-postijiet tax-xogħol iridu jittieħdu l-miżuri xierqa sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' l-effetti fiżiċi ta' l-isplużjoni fuq il-ħaddiema.

▼B

2.6. Fejn meħtieġ, il-ħaddiema jridu jingħataw it-twissijiet li jidhru u/jew jinstemgħu u l-ħaddiema jridu jiġu rtirati qabel ma jintlaħqu l-kondizzjonijiet ta' l-isplużjoni.

2.7. Fejn meħtieġ mid-dokument tal-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet, iridu jiġu pprovduti u mantenuti l-faċilitajiet tal-ħelsien mill-perikolu sabiex jiġi żgurat illi, f'każ ta' perikolu, il-ħaddiema jkunu jistgħu jitilqu mill-postijiet tal-perikolu fil-pront u mingħajr perikolu.

2.8. Qabel ma jiġi użat għall-ewwel darba post tax-xogħol li jkun fih postijiet fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi, trid tiġi verifikata s-sigurtà sħiħa mill-isplużjonijiet. Trid tinżamm kull kundizzjoni meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet.

Din il-verifika trid titwettaq minn persuni kompetenti fil-qasam tal-protezzjoni kontra l-isplużjonjiet bħala riżultat ta' l-esperjenza tagħhom u/jew tat-taħriġ professjonali.

2.9. Fejn l-istima tar-riskju turi illi huwa meħtieġ:

— irid ikun possibbli, fejn in-nuqqas ta' l-enerġija tista' toħloq firxa miżjuda tar-riskji, illi t-tagħmir u s-sistemi jinżammu fi stat mingħajr perikolu ta' l-operazzjoni tagħhom indipendentement mill-bqija ta' l-istallazzjoni fil-każ tan-nuqqas ta' l-enerġija,

— irid ikun possibbli t-twaqqif awtomatiku u bl-idejn sabiex jintfew it-tagħmir u s-sistemi ta' protezzjoni imdaħħla fiżikament permezz tal-proċessi awtomatiċi li jibdlu d-direzzjoni mill-kondizzjonijiet maħsuba tax-xogħol, sakemm dan ma jikompromettix is-sigurtà. Dawk il-ħaddiema biss li huma kompetenti li jagħmlu dan ix-xogħol jistgħu jieħdu din l-azzjoni,

— fl-operazzjoni ta' l-għeluq ta' emerġenza, l-enerġija akkumulata trid tiġi moħlija mill-aktar fis u fl-ikbar sigurtà possibbli jew iżolata sabiex ma tikkostitwixxix iktar perikolu.

## B. IL-KRITERJI GĦALL-GĦAŻLA TAT-TAGĦMIR U TAS-SISTEMI TA' PROTEZZJONI

Jekk id-dokument tal protezzjoni kontra l-isplużjonijiet ibbażat fuq l-istima tar-riskju ma' jiddikjarax xorta oħra, it-tagħmir u s-sistemi ta' protezzjoni għall-postijiet kollha li fihom jistgħu jinħolqu l-atmosferi splussivi jridu jkunu magħżula fuq il-bażi tal-kategoriji ddikjarati fid-Direttiva 94/9/KE.

B'mod partikolari, iridu jintużaw il-kategoriji tat-tagħmir li ġejjin fiz-zoni indikati, sakemm ikunu xierqa għall-gassijiet, il-fwar jew iċ-ċpar u/jew it-trabijiet kif xieraq:

— fiż-Żona 0 jew fiż-Żona 20, it-tagħmir tal-kategorija 1,

— fiż-Żona 1 jew fiż-Żona 21, it-tagħmir tal-kategoriji 1 jew 2,

— fiż-Żona 2 jew fiż-Żona 22, it-tagħmir tal-kategoriji 1, 2 jew 3.

▼B

*L-ANNESS III*

Is-sinjal tat-twissija għall-postijiet fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi, skond l-Artikolu 7(3):




Il-post fejn jistgħu jinħolqu atmosferi splussivi

Il-karatteristiċi distintivi:

— għamla trijangolari,

— ittri suwed fuq sfond isfar b'xifer iswed (il-parti s-safra trid tieħu mill-inqas 50 % ta' l-erja tas-sinjal).

L-Istati Membri jistgħu jżidu informazzjoni oħra ta' spjegazzjoni jekk jixtiequ.